**ĦAL LUQA LOCAL COUNCIL**

# Administrative Report 2015

Including

Budget
2016

## 2.0 *The Council*

| Position | Meeting Partecipation |
|---|---|
| ***Mayor*** | |
| Mr. John Schembri | 100 % |
| ***Deputy Mayor*** | |
| Ms. Denise Cutajar | 100 % |
| ***Councillors*** | |
| Mr. K. Bruno | 100 % |
| Mr. E. Camilleri | 100 % |
| Mrs. L. Massa | 80 % |
| Mr. V.Caruana | 90 % |
| Mrs. E. Camilleri Schembri | 100 % |

**Councillors present in 6th legislature but not contesting in 7th legislature (up to April 2015)**

| Position | Meeting Participation |
|---|---|
| ***Deputy Mayor*** | |
| Mr. J. Scicluna | 100 % |
| ***Councillors*** | |
| Mr. J. Camilleri | 100 % |
| Mr. C.Falzon | 90 % |
| Ms. C. Sammut | 90 % |

***Executive Secretary***

Mr. Michael Portelli

***Executive Officers***

Ms. A. Refalo
Mrs. I. Borg

***Supporting Staff***

Mr. M. Muscat

## ***Organisation& Responsabilites***

The Organisation structure implemented during 2015 has facilitated the day-to-day business of the Council and its Administrative Offices.



## *Rapport ta' Ħidma għas sena 2015*

Bħala parti mill-laqgħa anwali, nagħtu rendikont ta x' kienet tikkonsisti l-ħidma tal-Kunsill matul is-sena preċedenti. Meta wieħed jaqsam il-ħidma tal-Kunsill x' kienet tikkonsisti din tista tkun kategorizzata fi proġetti kapitali, infrastruttura u aministrazzjoni fost l iktar setturi li jispikkaw.

Wieħed isib ukoll setturi oħra bħal kultura, edukazzjoni, anzjani u oqsma oħra li ukoll jiffurmaw il-Kunsill Lokali fil-ħidma tiegħu. Bi pjaċir nistgħu ngħidu li matul is-sena l-oħra ikkonkludejna żewġ proġetti kapitali li wieħed mill-ewwel jinduna li qed nirreferu għall proġett tal-Family Park ġewwa Ħal Farruġ kif ukoll dak tal-Uffiċċju Amministrattiv. Se nibdew billi nagħtu ħarsa lejn kull aspett.

Qabel ma nibdew infakkru ukoll li fis-sena 2015 saret l-Elezzjoni li minnha ifforma dan il-Kunsill Lokali magħqud u li jaħdem għall ġid tar-residenti.

## *Proġetti Kapitali*

Matul is-sena l-oħra ikkonkludejna wieħed mill-akbar proġetti li kien inbeda sentejn qabel u hawn qed nirreferi għall proġett tal-Family Park li kien iffinanzjatt minn fondi tal-Unjoni Ewropeja. Filwaqt li dan il-proġett jgħin biex jipprovdi spazju rikreattiv tal-ogħal kwalita għar residenti, fl-istess ħin in-Nofsinhar ta' Malta qed ikollu spazju rikreattiv għan nies kollha li jgħixu fl-inħawi. Dan il-proġett qabeż il-kwart ta' miljun imma b' determinazzjoni sar kollox kif kien ippjanat u nżammet iż-żmien li fih kellu jitlesta l-proġett mingħajr ma weħilna penali.

Il-proġett tal-Uffiċċju Amministrattiv sar fuq numru ta' snin sabiex il-Kunsill ma jidħolx f' dejn mal-Bank. Hawnhekk sar xogħol ta' bini, madum, dawl, ilma, partitions, kisi, għamara u bosta xogħol ieħor liema xogħol sewa madwar € 120,000. Dan l-uffiċċju amministrattiv se jkun qed iservi bħala dar għall dawk l-għaqdiet li forsi m' għandhomx fejn jiltaqgħau biex għalhekk ikunu jistgħu jiltaqgħu fih u b' hekk il-Kunsill ikun jista jkompli jista jgħin lill dawn l-għaqdiet li jikkarateriżżaw ir-Raħal tagħna.

## *Infrastruttura*

Għalkemm kien hemm iffukkar l-aktar fuq il-proġetti li semmejt hawn fuq xorta waħda saru żewġ toroq li kienu fi bżonn kbir li dawn isiru u hawn qed nirreferi għall Triq ir-Rixtellu u Triq Ħal Saflieni. Triq ir-Rixtellu kienet waslet fi stat li karozza impossibli tgħaddi minnha. Din is-sitwazzjoni ġiegħlet lill-Kunsill sabiex ma nibqgħux nistennew li xi darba jinbena l-bini kollu u imbagħad issir it-Triq imma qbadna u għamilniha.

Triq oħra li kienet fi bżonn kbir li ssir kienet Triq Ħal Saflieni u din it-Triq apparti li kienet mkissra kien hemm ukoll faċċata tad-djar ħajt żdingat u ikrah li kien qed ikerrah l-ambjent kollu. Bis-saħħa ta fondi mill-Unjoni Ewropeja ġibna flus apposta biex saret il-bankina u l-ħajt tas-sejjiegħ bil-bankijiet. Minn naħa tiegħu l-Kunsill Lokali ħareġ il-flus biex għamel it-triq bit-tarmac. Dawn iż-żewġ toroq swew lill-Kunsill madwar € 60,000 u saru taħt l-iskema tal-PPP.

Hemm ukoll toroq oħrajn li bqajna nagħmlu pressjoni fuqhom li huma Triq Sebastiano Saliba, Triq Ġużeppi Ellul u Triq il-Mitjar sabiex dawn isiru.

## *Trasport Pubbliku*

Dan is-settur kellu titjieb ukoll is-sena l-oħra billi kien hemm tibdil fir-rotot biex dawn jgħaddu miċ-Ċentru u jżidu l-frekwenzi tagħhom. F' diskussjonijiet li kellu s-Sindku m' uffiċċjali tat-Transport Malta ġew indikati postijiet oħra li fihom jistgħu jsiru stages. Qed tibqa isir emfasi u pressjoni biex isiru l-bus shelters imwiegħda. Ta minn wieħed japprezza li l-pressjoni qed tkun qawwija u din tinkludi telefonati, laqgħat u emails fuq dan is-suġġett. Pressjoni bħal din ma' ssirx għat trasport pubbliku biss imma fuq kull talba li jkollu l-Kunsill Lokali sabiex intom r-residenti tingħataw l-aqwa servizz.

## *Amministrazzjoni*

Il-fatt li issa qed nopperaw min uffiċċju amministrattiv ġdid diġa għen ħafna l-amministrazzjoni ta' dan il-Kunsill għar raġunijiet li semmejt hawn fuq, imma l-bini waħdu mingħajr in-nies huwa mejjet u hawn qed naċċerna għall fatt li barra l-istaff tal-Kunsill, is-Sindku qed ikun preżenti ta' kuljum jilqa r-residenti u dawk kollha li jkollhom bżonn is-servizz tal-Kunsill.

Din is-sena wkoll mill-Elezzjoni li saret f' Marzu 2015 l' hawn kellna tibdil ġdid fil-Kunsill fejn issa hemm numru ta' Kunsilliera ġodda jkomplu l-ħidma tal-Kunsill.

Apparti minn hekk kontinwament issir pressjoni ma diversi entitajiet fosthom Transport Malta, WSC, Enemalta etc biex dawk l-ilment pendenti jkunu indirizzati. Matul din il-leġiżlatura ħassejna titjieb fuq il-mod kif inkunu indirizatti l-ilmenti billi jien stess kelli diversi laqgħat m' uffiċċjali differenti u anki morna fuq il-post biex nindirizzaw il-problema minn hemm stess.

## *Edukazzjoni*

Bis-saħħa tas-Sala mgħammra b' dak kollu li hemm bżonn għall korsijiet saru wkoll numru ta korsjiet differenti fejn aħna bħala Kunsill Lokali dejjem qagħadna attenti biex inżommu l-participation fees baxxi kemm jista jkun biex kulħadd ikun jista jattendi u jitgħallem, anzi ikun hemm drabi meta . Fost dawn il-korsijiet ta minn issemmi dawk tal-kompjuter li huma ferm imfittxija minn nies kemm adulti kif ukoll dawk li għadhom żgħar. Dawn jiswew € 1,150 kull darba bħala tuition fees apparti spejjeż oħra bħal dawl u affarijiet oħra.

Din is-sena għamilna ukoll korsijiet ġodda għall ewwel darba fosthom kors taz-Zumba, cake decorating course u korsijiet tal-qari għat tfal. Bis-saħħa ta' dawn il-korsijiet il-Kunsill Lokali joffri żvog kif ukoll opportunitajiet edukattivi għall dawk kollha li jixtiequ jitgħallmu u fl-istess ħin mingħajr etajiet.

Il-librerija tal-iskola wkoll qed tkompli tibbenefika mill-Kunsill Lokali billi ta' kull sena nikkordinaw biex jinxtraw numru ta' kotba għall użu tal-qarreja. Ta' kull sena jintefqu madwar € 1,200 f' kotba bil-Malti u l-Ingliż. Minn naħa tagħna għandna wkoll pjanijiet biex inkomplu nesploraw possibiltajiet sabiex il-librerija ikollha espansjoni u tilqa fiha aktar kotba.

## *Relazzjonijiet*

Ħidma kollettiva ma Kunsilli Lokali oħra u entitajiet differenti twassal biex jinkisbu riżultati aqwa u dan huwa suġġett li l-Kunsill Lokali tagħna dejjem kellu għall qalbu u dejjem żamm. Komplejna l-kuntatti tagħna mal-Kunsill Lokali tal-Fontana ġewwa Għawdex sabiex insibu opportunitajiet differenti li minhom nistgħu nibbenefikaw flimkien. Huwa ukoll fil-pjan tagħna li niftħu kuntatti m' Amalfi fejn jiċċelebraw ukoll il-festa tal-istess patrun tagħna.

## *Kultura*

Is-sena l-oħra erġajna iċċelebrajna Jum Ħal Luqa fejn minħabba l-impennji li kellna sar f' Ġunju 2015. Permezz tal-attivita li saret fakkarna ż-żminijiet tal-Gwerra u fl-istess ħin kienet opportunita biex diversi għaqdiet ħadu sehem u esponew it-talenti li hemm fihom. L-għaqdiet involuti setgħu jibbenefikaw minn fondi li ġew permezz tal-GAL Xlokk.

Bħas snin preċedenti, ġew organiżżatti ukoll diversi ħarġiet kulturali għall Għawdex fl-okkażżjoni ta' Betlem f' Għajnsielem u ħarġa oħra fejn żorna t-Tempji tal-Ġgantija. Ħarġa oħra li għaliha attendew ħafna nies kienet dik li saret għall Forti Sant' Iermu fejn fetaħ għall ewwel darba wara r-restawr li sar.

Nixtieq nagħlaq dan id-diskors billi nirringrazzja lilkom ilkoll preżenti llum tal-fiduċja li turu fina. Il-Kunsill jemmen li kemm intom ir-residenti u l-Għaqdiet nistgħu nagħmlu Ħal Luqa aħjar.

# BUDGET

# 2016

# ESTIMI KONSOLIDATI TAD-DĦUL U INFIEQ

| Nru tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2015 (€) | ATTWALI 2015 (€) | STIMA 2016 (€) | VAR STI - STI (€) | VAR STI - ATT (€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dħul** | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 358,696.00 | 478,337.80 | 532,704.09 | 174,008.09 | 54,366.29 |
| 0020 | Bye-laws | 11,000.00 | 20,883.79 | 20,000.00 | 9,000.00 | (883.79) |
| 0090 | Investiment | 2,200.00 | 210.00 | 220.00 | (1,980.00) | 10.00 |
| | TOTAL | **371,896.00** | **499,431.59** | **552,924.09** | **181,028.09** | **53,492.50** |
| **1** | **Infiq** | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 108,456.83 | 109,302.25 | 113,991.63 | (5,534.80) | (4,689.38) |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | 192,269.16 | 194,922.69 | 194,968.87 | (2,699.71) | (46.18) |
| 7000 | Infieq Kapitali | 68,000.00 | 204,780.91 | 127,000.00 | (59,000.00) | 77,780.91 |
| | TOTAL | **368,725.99** | **509,005.85** | **435,960.50** | **(67,234.51)** | **73,045.35** |
| | **Bilanc** | **3,170.01** | **(9,574.26)** | **116,963.59** | **113,793.58** | **(19,552.85)** |

| Nru tal-Kont | DESKRIZZJONI | STIMA 2015 (€) | ATTWALI 2015 (€) | STIMA 2016 (€) | VAR STI - STI (€) | VAR STI - ATT (€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Dħul** | | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | | |
| 0001 | Annwali | 356,196.00 | 368,265.29 | 379,936.00 | 23,740.00 | 11,670.71 |
| 0002 | Supplimentari | | 400.00 | 400.00 | 400.00 | |
| 0003 | Bzonnijiet Speċjali | | 102,584.55 | 33,500.00 | 33,500.00 | (69,084.55) |
| 0004 | Delegazzjoni Publika/Governattiva | | | | | |
| 0015 | Oħrajn | 2,500.00 | 7,087.96 | 84,368.09 | 81,868.09 | 77,280.13 |
| | | **358,696.00** | **478,337.80** | **532,704.09** | **139,508.09** | **19,866.29** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | | 8,763.00 | | | (8,763.00) |
| 0036 | Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 11,000.00 | 6,968.68 | 8,000.00 | (3,000.00) | 1,031.32 |
| 0056 | Kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet | | | | | |
| 0066 | Ġenerali | | 5,152.11 | 12,000.00 | 12,000.00 | 6,847.89 |
| | | **11,000.00** | **20,883.79** | **20,000.00** | **9,000.00** | **(883.79)** |
| 0090 | Investiment | | | | | |
| 0091 | Interess Bankarju | 2,200.00 | 210.00 | 220.00 | (1,980.00) | 10.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | | |
| | | **2,200.00** | **210.00** | **220.00** | **(1,980.00)** | **10.00** |
| | **TOTAL** | **371,896.00** | **499,431.59** | **552,924.09** | **146,528.09** | **18,992.50** |

# INFIEQ

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | STIMA 2015 (€) | ATTWALI 2015 (€) | STIMA 2016 (€) | VAR STI - STI (€) | VAR STI - ATT (€) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Infiq** | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 9,509.76 | 10,573.00 | 10,842.78 | (1,333.02) | (269.78) |
| 1150 | Allowance lil Kunsilliera | 8,800.00 | 8,800.00 | 8,800.00 | | |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 60,181.93 | 68,155.80 | 71,563.59 | (11,381.66) | (3,407.79) |
| 1300 | Bonus | 1,537.38 | 1,537.36 | 1,537.38 | | (0.02) |
| 1400 | Dħul Supplimentari | 4,489.20 | 4,622.45 | 4,853.57 | (364.37) | (231.12) |
| 1500 | Kontribuzzjonijiet ta' Sigurta Socjali | 21,600.00 | 13,122.44 | 13,778.56 | 7,821.44 | (656.12) |
| 1600 | 'Allowances' | | | | | |
| 1700 | 'Overtime' | 2,338.56 | 2,491.20 | 2,615.75 | (277.19) | (124.55) |
| | | 108,456.83 | 109,302.25 | 113,991.63 | (5,534.80) | (4,689.38) |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon,etc. | 9,000.00 | 7,176.85 | 7,534.80 | 1,465.20 | (357.95) |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Sup.) | 5,000.00 | 10,155.57 | 12,000.00 | (7,000.00) | (1,844.43) |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 15,000.00 | 9,625.20 | 11,000.00 | 4,000.00 | (1,374.80) |
| 2400 | Kera | 1,819.00 | 1,819.03 | 1,819.03 | (0.03) | |
| 2500 | Shubija f'Assocjazzjonijiet Int. | | | 3,500.00 | (3,500.00) | (3,500.00) |
| 2600 | Spejjes ta' l-Ufficju | 3500 | 9,097.57 | 11000 | (7,500.00) | (1,902.43) |
| 2700 | Trasport | 800.00 | 6,884.14 | 7,200.00 | (6,400.00) | (315.86) |
| 2800 | Vjaggar/safar | | | | | |
| 2900 | Informazzjoni ghal-Publiku | 3,000.00 | | 5,000.00 | (2,000.00) | (5,000.00) |
| 3000 | Servizzi b' Kuntratt | 111,150.16 | 118,454.01 | 113,065.04 | (1,914.88) | 5,388.97 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 18,000.00 | 14,870.19 | 12,000.00 | 6,000.00 | 2,870.19 |
| 3200 | Training | | 5,928.37 | | | 5,928.37 |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 15,000.00 | 9,932.39 | 9,500.00 | 5,500.00 | 432.39 |
| 3600 | Spejjez LES | 8,000.00 | 276.49 | 350.00 | 7,650.00 | (73.51) |
| 3400 | Spejjes Incidentali | 2,000.00 | 702.88 | 1,000.00 | 1,000.00 | (297.12) |
| | | 192,269.16 | 194,922.69 | 194,968.87 | (2,699.71) | (46.18) |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | | 23,996.64 | | | 23,996.64 |
| 7200 | Titjib | 30,000.00 | 61,557.18 | 92,000.00 | (62,000.00) | (30,442.82) |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 18,000.00 | 16,498.67 | | 18,000.00 | 16,498.67 |
| 7500 | Proġetti Specjali | 20000.00 | 102,728.42 | 35,000.00 | (15,000.00) | 67,728.42 |
| | | 68,000.00 | 204,780.91 | 127,000.00 | (59,000.00) | 77,780.91 |
| - | | | | | | |
| | **TOTAL** | 368,725.99 | 509,005.85 | 435,960.50 | (67,234.51) | 73,045.35 |